**Laqgha Numru 06/K7/2014**

**Introduzzjoni**

Is-Sitt Laqgha tas-Seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2013 li saret nhar il-Hamis 6 ta' Marzu 2014.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30pm.

Prezenti: Is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon u l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat, Mark Causon u Charles Cesare **(li wasal fis-6.40pm)** u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

L-Ambaxxatur Lokali ghaz-Zghazagh Kurt Mizzi kien skuzat. **(Ara Dok. 1)**

Is-Sindku Dean Hili qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fis-27 ta' Frar 2014. L-Agenda kienet:

1. **Approvazzjoni tal-Minuti 04/K7/2014.**
2. **Punti li johorgu mill-Minuti 04/K7/2014.**
3. **Approvazzjoni tal-Minuti 05/K7/2014.**
4. **Punti li johorgu mill-Minuti 05/K7/2014.**
5. **Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
6. **Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
7. **Mistoqsijiet.**
8. **Korrispondenza.**
9. **Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
10. **Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
11. **Tenders 13/2013 u 01/2014.**
12. **Mozzjoni 02/2014 – Policy tal-MEPA dwar Shooting Ranges.**
13. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
14. **Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 04/K7/2014.

1.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 04/K7/2014 kif ipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 04/K7/2014.

2.01. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li ma kien hemm ebda punti pendenti.

## 03. Approvazzjoni tal-Minuti 05/K7/2014.

3.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 05/K7/2014 kif ipprezentati.

3.02. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

3.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Punti li johorgu mill-Minuti 05/K7/2014.

4.01. B'referenza ghall-**Minuti 05/K6/2014 item 2.14** fejn il-Kunsillier Charles Cesare kien ippropona li l-Kunsill jindika sit fejn jistghu jithawwlu numru ta' sigar mir-residenti b'kommemorazzjoni ghall-familjari taghhom li jkunu hallew din id-dinja bil-possibilita' li thawwil isir f'Novembru ta' kull sena kif ukoll fejn il-Kunsillier Mark Causon kien issekonda u zied li attivita' simili tista' ssir ukoll kull sena biex jithawwlu sigar b'kommemorazzjoni ta' ulied godda, is-Sindku Dean Hili rrimarka li l-Kunsill ghadu ma identifikax is-sit fejn jista' jsir dan ix-xoghol kif ukoll xi programm ta' xoghol ser isir.

4.02. Il-Kunsillier Mark Causon ippropona s-siti ghandhom ikunu dak li hemm bejn Triq Burma u Triq Salvatore Castaldi wara l-Bring in site, is-sit li hemm bejn Triq Burma, Triq Cassino u Triq Luigi Billion kif ukoll il-picnic area ta' Triq Anzio.

4.03. Is-Sindku Dean Hili ssekonda u zied fil-jiem li gejja ghandha ssir laqgha fuq dan is-suggett.

4.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.05. B'referenza ghall-**Minuti 05/K6/2014 item 3.08** fejn b'referenza ghall-**Memo 013-2014,** il-Kunsillier Mark Causon kien ippropona li l-Kunsill ghandu jmexxi t-talba tieghu lill-Korporazzjoni Enemalta ghall-picnic area ta' Triq Anzio, is-Sindku Dean Hili rrakkomanda li d-disinn ghandu jkun simili ghal dak li kien hemm propost ghal Triq Medjez fejn isiru xi picnic tables, litter bins u xi tip ta' equipment.

4.06. B'referenza ghall-**Minuti 05/K6/2014 item 6.21** fejn b'referenza ghall-korrispondenza numru **46/0495/14/I** fejn is-Sindku Dean Hili kien ippropona li l-Kunsill ghandu jitlob lill-Koptasin biex jipprovdi sample ta' kif jistghu isiru dawn il-poles bit-tabelli maghhom, is-Sindku Dean Hili pprezenta lill-Kunsill is-sample mitlub. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova li jaghmel uzu minn dan id-disinn.

4.07. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

4.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

5.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Memo 016/2014** - Rapport tal-ftuħ ta' Tender 01/2014 **(Ara Dok. 2); Memo 017/2014** - Laqgħa mal-MEPA dwar is-sit Natura 2000 **(Ara Dok. 3); Memo 018/2014** - Laqgħa dwar il-parkegg ta'

madwar il-MUSEUM **(Ara Dok. 4); Memo 019-2014** - Lista ta' laqghat li saru 05/K7/14 u 06/K7/14 **(Ara Dok. 5)** u **Memo 020-2014** - Intervista lill-offerenti ta' Tender 01/2014 **(Ara Dok. 6).**

5.02. **Is-Sindku Dean Hili** ghamel referenza ghall-Memo 018/2014 - Laqgħa dwar il-parkegg ta' madwar il-MUSEUM, fejn ippropona li l-Kunsill ghandu jikteb ufficjalment lill-MEPA minhabba li jidher li l-izvilupp li sar m'huwiex skond il-permess u ghalhekk li qed jinholoq il-pandimonju kollu fit-traffiku b'detriment kbir ghar-residenti ta' l-akwata.

5.03. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

5.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 06. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

6.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati hawn fuq.

## 07. Mistoqsijiet.

7.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Dean Hili ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 08. Korrispondenza.

8.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn il-5 ta' Frar u s-6 ta' Marzu 2014 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

46/0740/14/I **12/02/2014** — Email minghand is-Segretarjat Parlamentari ghad-Drittijiet ta' Persuni b'Dizabilita fejn qed jistiednu lill-Kunsilli jiehdu sehem f'kompetizzjoni annwali gdida bl-isem A+Accessibility Award, bl-appikazzjonijiet ghandhom jigu sottomessa sa qabel it-30 ta' Marzu 2014.

8.02. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/0740/14/I** is-Sindku Dean Hili sostna li fil-prezent is-siti pubblici amministrati mill-Kunsill Lokali, inkluz il-gonna u l-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill Lokali huma lkoll liberament accessibbli ghal persuni b'dizabilita` u fic-cirkostanzi ppropona li l-Kunsill ma jippartecipax ghal din is-sena.

8.03. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

8.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/0801/14/I **13/02/2014** — Email minghand il-MEPA fejn informaw lill-Kunsill li gew mitluba mill-Gvern sabiex jiffurmolaw policy u gwida fuq shooting ranges u talbu sabiex il-Kunsill jibghat s-sottomissjonijiet tieghu sa qabel it-3 ta' Marzu 2014.

46/0842/14/I **14/02/2014** — Mozzjoni minghand il-Kunsillier Mark Causon sabiex tkun prezentata l-MEPA dwar Shooting Ranges.

8.05. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/0801/14/I u 46/0842/14/I** is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li din il-materja ser tigi diskussa aktar tard peress li hemm mozzjoni ad hoc.

46/0829/14/I **14/02/2014** Email minghand id-Dipartiment ta’ l-Artijiet fejn b'referenza ghall-email li baghat il-Kunsill dwar sid l-art fi Triq Dun Guzepp Farrugia nformaw lill-Kunsill li l-art indikata hija propjeta' tal-Gvern amministrata mid-Dipartiment.

8.06. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/0829/14/I** is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghall-**Minuti 05/K6/2014 item 6.30** u ghall-korrispondenza numru **46/0506/14/I** fejn kien ippropona li l-Kunsill ihalli dan is-suggett ghal-laqgha li jmiss halli tkun tista’ issir spezzjoni fuq il-post, sabiex il-materja tkun tista’ tigi mistharga f’aktar dettall u sabiex anke jigi stabbilit is-sid ta’ l-art li hemm quddiem l-istess blokk, fejn ippropona li l-Kunsill ghandu jinforma lill-Appogg li l-art hija tad-Dipartiment ta’ l-Artijiet u kull intervent li jsir irid ikun kopert bil-permessi tal-MEPA u ghalhekk dan ghandu jsir mill-Awtorita’ tad-Djar biex jinghata access ahjar.

8.07. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/0838/14/I **14/02/2014** Email minghand Transport Malta fejn baghtu r-rakkomandazzjoni taghhom dwar l-ilmenti li qed jircievu fuq central strip ta' Triq l-Imhallef William Harding fejn qed jipproponu li jsiru double yellow lines u jigu nstallata fixed metal bollards u talbu l-kummenti tal-Kunsill.

46/0900/14/I **19/02/2014** Email minghand Transport Malta fejn dwar l-ilment li sar fi Triq l-Imhallef W. Harding informaw lill-Kunsill li ghandha titwahhal tabella tal-one way fl-ahhar parti ta' Triq l-Imhallef W. Harding c/w Emanuel Decelis ghal prova ta' 30 gurnata u jekk ma jkunx hemm problemi jitwahhlu bollards fi Triq W. Harding c/w Triq Tunis.

46/0901/14/I **19/02/2014** Email minghand Transport Malta fejn talbu sabiex il-Kunsill jikkonferma li jaqbel ma' l-email li baghtu b'referenza ghal-laqgha li saret fuq il-post dwar ic-central strip ta' Triq William Hardng c/w Tiq Tunis.

8.09. B’referenza ghall-korrispondenza numri **46/0838/14/I, 46/0900/14/I u 46/0901/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li tintbghat ittra lir-residenti kkoncernati u li jirrisjedu fit-triq imsemmija sabiex isservi ta’ pre-avviz qabel ma titwahhal it-tabella tal-one way. Il-kelliem irrimarka li din l-ittra ghandha taghti kwadru shih tal-problema l’ittanta jsolvi l-Kunsill, il-mizuri kollha li ttiehdu minnu, u d-decizjonijiet mehuda minn Transport Malta.

8.10. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

8.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/0862/14/I **17/02/2014** Email minghand l-AKL fejn informaw lill-Kunsill li l-laqgha ghas-Sindki li jmiss ser issir fl-21 u 22 ta' Marzu gewwa l-lukanda Dolmen u baghtu l-formoli ta' registrazzjoni.

8.12. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/0862/14/I** is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li huwa u l-Vici Sindku Raymond Lanzon ser jattendu.

46/0878/14/I **18/02/2014** Kwotazzjoni minghand Pembroke Athleta (Triq Tunis) ghall-coffee morning ghall-prezz ta' €4.50 il-persuna inkluz il-VAT.

46/0934/14/I **21/02/2014** Kwotazzjoni minghand Sensi Hotel ghal coffee morning ghal nhar il-21 ta' Marzu 2014 ghall-prezz ta' €3.95 inkluz il-VAT.

46/0959/14/I Email minghand Sprachcaffe fejn informaw lill-Kunsill li sfortunatament

| | |
|---|---|
| **24/02/2014** | m'humiex f'pozizzjoni li jikkwotaw ghall-coffee morning bil-bagit indikat. |
| 46/0980/14/I **25/02/2014** | Kwotazzjoni minghand Melting Pot ghal coffee morning nhar il-Gimgha 21 ta' Marzu ghall-prezz ta' €4.50 il-persuna. |
| 46/0988/14/I **26/02/2014** | Email minghand il-Kunsiller Mark Causon fejn b'referenza ghall-email li baghtu Sprachcaffe nforma lill-impjegati li huwa jemmen li m'ghandux jinghata budget lill-ebda persuna li tkun trid tikkwota minhabba unfair competition u talab tkun diskussa fil-laqgha tal-Kunsill sabiex ikun diskuss kif ghandna nipprocedu meta jkollna talbiet simili. |

8.13. B’referenza ghall-korrispondenza numri **46/0878/14/I, 46/0934/14/I, 46/0959/14/I u 46/0980/14/I** il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li l-Kunsill jaghzel l-offerta ta’ Pembroke Athleta (Triq Tunis) abbazi li l-offerta taghhom hija aktar vantagguza minhabba li m’hemmx spejjez ta’ trasport.

8.14. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

8.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.16. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/0988/14/I** is-Sindku Dean Hili rrimarka li ghad li hemm qbil fis-sustanza, jinghad li dan ma japplikax ghal dan il-kaz, peress li l-Kunsill huwa kostrett bil-ligi li jaghmel il-kotba tieghu pubblici, u li fic-cirkostanzi jekk offerent jitlob li jinghata nformazzjoni dwar il-hlasijiet precedenti u simili li jkunu saru, din l-informazzjoni trid tinghata xorta wahda.

8.17. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ilmentat li ma taqbilx li offerenti jinghataw indikazzjoni tal-Budget tal-Kunsill.

8.18. Is-Sindku Dean Hili rrimarka li l-informazzjoni li ghandu huwa hija li l-offerenti staqsew kemm nefaq il-Kunsill fl-ahhar attivita’ u mhux inghataw x’Budget ghandu l-Kunsill minhabba l-fatt li fil-verita’ l-Kunsill m’ghandu ebda allokazzjoni ghal attivitajiet simili peress li l-ispejjez jithallsu kollha mill-partecipanti.

| | |
|---|---|
| 46/0880/14/O **18/02/2014** | Email li l-Kunsill baghat lill-Kunsilli Lokali l-ohra fejn staqsejna jekk qattx hargu defult notice lill-kuntratturi msemmija dwar Tender tal-Public Conveniences. |

8.19. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/0880/14/O** is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li kien hemm diversi Kunsilli li wiegbu izda ma kienx hemm defaults.

| | |
|---|---|
| 46/0888/14/O **18/02/2014** | Email li l-Kunsill baghat lill-Perit Kevin Fsadni fejn b'referenza ghall-email tieghu l-Kunsill infurmah li l-prijorita' tal-Kunsill hija l'issir patching f'toroq urbana u li Triq Martin Luther King tinsab fiz-zona ta' toroq mhux urbana. |

8.20. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/0888/14/O** is-Sindku Dean Hili ppropona li ghandha ssir laqgha mal-Perit Fsadni u l-kuntrattur sabiex issir laqgha fuq il-post halli tigi diskussa l-possibilita’ ta’ x’patching jista’ jsir f’xi partijiet tat-triq halli jkun jista’ jsir ix-xoghol.

8.21. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda u zied li eventwalment il-kuntrattur, jekk hemm il-bzonn, ghandu jiprovdi stima biex it-triq tinghata wicc dicenti ghandha tintbaghat lill-Onor. Ministru Joe Mizzi u l-Onor. Ministru Evarist Bartolo.

8.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| 46/0897/14/I **19/02/2014** | Email minghand is-Sur Mario Farrugia Borg fejn nforma lill-Kunsill li huwa ser jikkontesta l-elezzjonijiet ghall-Parlament Ewropew f'isem il- |

Partit Laburista u talab jiltaqa' mal-Kunsill.

8.23. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/0897/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jiffissa laqgha ghall-ewwel gimghat ta' April.

8.24. Ma kien ebda sekondant ghal din il-proposta.

46/0946/14/I **21/02/2014** Email minghand l-M Quip fejn baghtu l-ahhar kwotazzjoni riveduta ghal Gnien 4 ta' Lulju fejn l-ammont finali jizdied €1,319.00.

46/0983/14/I **26/02/2014** Email minghand il-Perit Kevin Fsadni fejn baghat gustifikazzjoni dwar iz-zieda fil-kwotazzjoni ta' l-MQuip fuq il-gnien 4 ta' Lulju.

8.25. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/0946/14/I u 46/0983/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jaccetta din il-gustifikazzjoni relatata ma' spejjez ulterjuri f'safety equipment sabiex tigi koperta parti akbar tal-gnien b'materjal adegwat, sabiex b'hekk is-sit ikun konformi mal-istandards li jirregolaw il-playing fields galadarba dan il-progett huwa mahsub li jgholli l-livell ta' dan il-gnien b'mod drastiku.

8.26. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

8.27. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon u l-Kunsillier Mark Causon ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

8.28. Il-mozzjoni ghaddiet.

46/0984/14/I **26/02/2014** Email minghand Pembroke Athleta fejn baghat kwotazzjoni minghand l-MFA dwar ir-referees ghal Easter Festival ghall-prezz ta' €920 ghal-loghob kollu.

46/1084/14/I **06/03/2014** Email minghand Pembroke Athleta FN jinfurmaw lill-Kunsill li ghat-tournament li ser jorganizza l-Kunsill f'April, m'hemm ebda tim barrani li ser jippartecipa u baghtu stima riveduta ta' l-ispejjez li hemm.

8.29. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/0984/14/I u 46/1084/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li din it-talba ghandha tigi approvata u jitnaqqsu mill-vot allokat sa massimu ta' €1,500.00.

8.30. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

8.31. Il-Kunsill qabel unanimament.

***8.32. Il-Kunsillier Charles Cesare wasal fis-6.40pm.***

46/0997/14/I **26/02/2014** Email minghand l-MCA fejn informaw lill-Kunsill li b'referenza ghal-laqgha t'informazzjoni ghall-genituri dwar l-uzu aktar sigur tal-internet ser tkun illoncjata fit-13 ta' Marzu 2014.

8.33. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/0997/14/I** il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona din il-laqgha ghandha ssir xi darba l-Erbgha kif ukoll li l-korsijiet li ser isiru ma' l-MCA ghandhom isiru fil-hinijiet ta' filghodu u filghaxija wara 6.00pm. Il-kelliem offra li huwa jara li jinfetah u jinghalaq il-Kunsill meta jkun hemm dawn il-korsijiet.

8.34. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

8.35. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/0999/14/I Email minghand il-Primary Health Care fejn staqsiet jekk il-Kunsill hux

**27/02/2014** ser ikompli jaghmel it-talks minhabba li ghat-talk li saret l-Erbgha 26 ta' Frar m'attenda hadd.

8.36. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/0999/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li la darba l-Kunsill ma kellux konkorrenza, dawn it-tahdidiet ghandhom jieqfu.

8.37. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

8.38. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/1001/14/I **27/02/2014** Email minghand l-AKL fejn baghtu formola tan-nominazzjoni fuq l-Smilegov energy efficiency training.

8.39. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/1001/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jinnomina lill-Kunsillier Mark Causon ghal dan it-training.

8.40. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

8.41. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/1069/14/I **04/03/2014** Email minghand l-MTA jitolbu lill-Kunsill biex jinnomina persuna biex tkun parti mill-Pembroke Garigue Heritage Project Committee.

8.42. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/1069/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jinnomina lill-Kunsillier Mark Causon u talbu biex meta ma jkunx ser ikun prezenti jinforma lill-Kunsill biex ikun jista' jattendi sostitut. Il-Kunsillier Mark Causon intalab ukoll li jaghmel rapport tal-laqghat li ser jattendi.

8.43. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

8.44. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/1083/14/I **06/03/2014** Email minghand Pembroke Athleta FN jinfurmaw lill-Kunsill li ghat-tournament li ser jorganizzaw fis-6 ta' April 2014 qed jitolbu li l-ispejjez tat-train ghandhom jinhargu mill-Kunsill kif ukoll li jigu provduta b'200 mappa tal-lokal u 10 kotba tal-Kunsill biex jintuzaw waqt l-attivita'.

8.45. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/1083/14/I** u ghall-**Minuti 05/K6/2014 item 6.05** fejn il-Vici Sindku Raymond Lanzon kien ippropona li l-Kunsill jipprovdi train l'iddur mat-toroq tal-lokal bhala attivita' kulturali fejn il-Kunsill japprova li jiffinanzja ½ l-ispiza sa massimu ta' €300.00 apparti spejjez relatata ma' Fondazzjoni Wirt Artna u Nature Trust, fejn ippropona li l-Kunsill jaccetta l-offerta ta' Malta Fun Trains u Nature Trust fejn il-Kunsill johrog l-ammont ta' €236.50, Pembroke Athleta jigu mitluba li johorgu €206.50 u Nature Trust €30.00, is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-ispejjez relatati ma' dan it-tornament diga jmur oltre dak stipulat fil-budget relatat ma nfieq simili u li minkejja dan il-Kunsill kien propens jaccetta din l-ispiza ghall-pakkett offrut skond il-Minuti li ghalihom qieghda ssir referenza ghaliex il-Kunsill kien tal-fehma li dan kien wiehed attrajenti. Il-kelliem ippropona li kwalunkwe talbiet sussegwenti li jiddepartixxu minn dan il-ftehim ma jistax jigu accetatta ghaliex ikun qieghed imur kontra dak diga miftiehem f'laqgha precedenti u ghalhekk il-Kunsill ghandu jinforma lil Pembroke Athleta b'dan.

8.46. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

8.47. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09. Kumitati Kongunti ta' l-LES, Kumitat Regjonali u n-NHDJC.

9.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-membri tal-Kunsill ghall-Minuti tal-laqghat ta' dawn il-kumitati.

## 10. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

10.01. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li jidher li m'hemm xejn aktar ippjanat ghajr dawk l-attivitajiet diga approvata.

## 11. Tenders 13/2013 u 01/2014.

11.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona sospenzjoni tal-laqgha sabiex ikun jista' jiltaqa' l-Bord ta' l-Ghazla.

11.02. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

11.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

***11.04. Il-laqgha giet sospiza fis-6.55pm.***

***11.05. Il-laqgha tkompliet fis-7.35pm.***

11.06. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Tender 13/2013 – Professional Services of Contracts Manager** ghandha tinghata lis-sur **Raphael Carabott** abbazi tal-process MEAT, l-offerta tieghu hija l-aktar vantagguza. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni.

11.07. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

11.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.09. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Tender 01/2014 – Upkeep, maintenance and attendance of Public Conveniences** ghandha tinghata lis-sur **Charlie Mifsud** abbazi tal-process MEAT, l-offerta tieghu hija l-aktar vantagguza. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni.

11.10. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

11.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12. Mozzjoni 02/2014 – Policy tal-MEPA dwar Shooting Ranges.

12.01. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghall-Mozzjoni **02/2014 – Policy dwar Shooting Ranges** fejn talab lill-Kunsillier Mark Causon biex iressaqa ghad-diskussjoni.

12.02. Il-Kunsillier Mark Causon ippropona li l-Kunsill jiddiskuti Mozzjoni **02/2014 – Policy dwar Shooting Ranges. (Ara Dok. 7)**

12.03. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

12.04. Wara diskussjoni, il-Kunsillier Mark Causon ippropona l-approvazzjoni tal-mozzjoni kif emendata.

12.05. Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13. Approvazzjoni tal-kontijiet.

13.01. Is-Sindku Dean Hili pprezenta l-iskeda tad-dhul u hrug. **(Ara Dok. 8, 9 u 10)**

13.02. Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ipprezentati, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kif ipprezentata ghajr dawk tal-J&K Contractors peress li ghad ma gewx approvati mill-Perit tal-Kunsill.

13.03. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

13.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 14. Materji ohra.

14.01. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li l-Kunsill jivverifika ma' l-entita' koncernata dwar xoghol li qed isir bejn il-Park & Ride u Triq Tobruk.

14.02. Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jitlob l-ghajnuna tad-Dipartiment koncernat sabiex jekk huwa possibbli jkun hemm access ahjar ghall-bajja ta' Pembroke.

14.03. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

14.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.05. Is-Sindku Dean Hili ppropona li peress li l-appell dwar l-offerti ta' l-Insurance ghadu ma bediex jinstema', din il-polza ghandha tigi mgedda ghal 3 xhur ohra, dan fid-dawl li din ser tiskadi fl-ahhar ta' Marzu.

14.06. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

14.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.08. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li tal-BMX talbu lill-Kunsill biex jipprovdilhom banner ta' Pembroke biex titwahhal fil-kumpless ta' l-indoor skate park. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din it-talba. Il-kelliem ippropona li jigu ordnata tnejn ohra biex ikunu jistghu jintuzaw mill-Kunsill jew minn xi entita' li tkun qed taghmel xi attivita' fil-lokal.

14.09. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

14.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.11. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li bhalissa mal-Kunsill hawn assenjati 3 haddiema ta' l-IPSL fejn qed jaghmlu xoghol ta' manutenzjoni fejn hemm bzonn. Fid-dawl ta' dan ippropona li l-Kunsill ghandu jaghti l-fakulta lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jordna u jixtri l-materjal li jkun hemm bzonn sakemm dan ikun taht il-limiti ta' Direct Order. Il-kelliem ippropona li jekk ikun hemm hlasijiet akbar, is-Segretarju Ezekuttiv ghandu jara li jingabru l-kwotazzjonijiet necessarja biex jigu approvata mill-Kunsill.

14.12. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

14.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.14. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-iskrivana Alison Grixti kienet waslet ghall-increment annwali fil-paga ta’ € 375.17. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova dan l-increment.

14.15. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

14.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.17. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghall-ilment 12/2014 fejn ippropona li ghandhom jidu ordnata tabella ta’ direzzjoni u 2 One Way fi Triq Arnhem.

14.18. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

14.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.20. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li hija wkoll ghandha tkun administrator fuq il-pagna ta’ facebook tal-Kunsill.

14.21. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

14.22. Is-Sindku Dean Hili rrimarka lill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat li l-materjal li ghandha u li tixtieq li jigi uploaded tista’ tpoggieh hija stess fuq il-pagna jew tista’ tibghatu lis-Segretarju Ezekuttiv u jigi posted bl-istess prominenza.

14.23. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li hija ghandha dritt ikollha l-istess livell t’access daqs is-Sindku.

14.24. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u l-Kunsillier Charles Cesare vvutaw favur filwaqt li s-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon u l-Kunsillier Mark Causon ivvutaw kontra.

14.25. Il-mozzjoni m’ghaddietx.

14.26. Is-Sindku Dean Hili ghalaq il-laqgha fit-8.35pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta 25 ta' Marzu 2014 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| Avv. Dean Hili | Kevin Borg |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |